**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 541/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**JA**

**vs**

**AF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JA, datat 6 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata AF zzewgu fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) gewwa l-Knisja ta' San Bastjan, Qormi, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u mmarkat bhala 'Dokument A'.*

2. *Illi mill-istess unjoni twieldu tlett itfal, R li twieldet fil-X, M li twieled f'Y u S li twieled f'Z.*

3. *Inoltre, qieghed jigi konfemrat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

4. *Illi permezz ta' att pubblikat minn Nutar Dr. Liza Camilleri, datat id-disgha u ghoxrin (29) t'Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009), u insinwat nhar it-tmintax (18) ta' Novembru elfejn u disgha (2009), kopja awtentika ta' liema qieghda tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala 'Dokument B', l-partijiet ottjenew s-separazzjoni bonarja bejniethom.*

5. *Illi ghaldaqstant, ghaddew aktar minn erba (4) snin mid-data tas-separazzjoni*

*taghhom. Illi ukoll il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal perjodu kontinwu ta' iktar minn erba (4) snin.*

6. *Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom.*

7. *Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha taqta w tiddeciedi din il-kawza billi:*

i. *Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn JA u AF ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili;*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;*

*U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' AF, datata 11 ta' Jannar 2019, a fol 18 li taqra hekk:

1) *Illi hemm qbil fuq il-premessi kollha tar-rikors promotur ghajr mal-paragrafu numru tlieta (3);*

2) *Illi fil-fatt ma hu vera xejn li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti. Anzi hemm arretrati ta' diversi xhur kif ukoll bilanc taz-zieda ta' l-gholi tal-hajja sal-gurnata tal-lum huma dovuti. Tant hu hekk li l-esponenti kellha tirrikorri ghand il-pulizija stante rifjut ta' hlas wara talba bil-miktub ghall-hlas;*

*Illi fid-dawl ta' dan l-esponenti qed toggezzjoni t-talbiet tar-rikorrenti.*

Rat illi l-intimata irtirat l-eccezzjoni dwar l-arretrati tal-manteniment stante li l-manteniment qed jithallas regolarment (Vide fol 24);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JA** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Marzu 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fit-18 ta' Novembru 2009 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li llum-il gurnata huma kollha maggorenni. Ikkonferma illi l-problema dwar l-manteniment gie risolt fil-mori tal-kawza u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AF** xehdet u kkonfermat u kkoroborat x-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Marzu 1989 (Vide Dok A fol 15) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Liza Camilleri, datat 29 t'Ottubru 2009 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi l-problema dwar l-manteniment gie risolt fil-mori tal-kawza;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**